TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 558/10

**Roselyn Micallef u Christian Sperandeo**

**vs**

**Manuel Borg eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem Envy**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' arloġġ tad-ditta 'Roberto Cavalli' li kellu diversi ħsarat.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ġiet mogħtiha arloġġ tad-ditta 'Roberto Cavalli' bħala rigal u wara xi żmien dan beda jkollu l-ħsara u għalkemm ħaditu għat-tiswija għand is-soċjeta' intimate, dan xorta baqa' bil-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant it-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tagħhom hija kredibli u aċċettabli, anke minħabba l-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni da parte ta' l-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat u b'dan illi l-arloġġ jiġi propjeta' ta' l-intimat wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888